## EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKOLA SEKONDARJA 2009

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-EWWEL SENA** **STORJA** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**1. Qabbel dawn il-kliem. L-ewwel waħda ġiet mogħtija bħala eżempju**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Muħammed | | Ħarba ta' Mawmettu |
| 2 | Mekka | | Bidu tal-poplu Lhudi |
| 3 | Il-Ħeġira | | Imperatur Ruman |
| 4 | Ramadan | | Ir-reliġjon Nisranija f'Malta |
| 5 | Abram | | alla tax-xemx Eġizzjan |
| 6 | Kostantinu | | l-Art Imqaddsa |
| 7 | Il-Palestina | | l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni |
| 8 | San Pawl | | Perjodu ta' sawm għall-Misilmin |
| 9 | Is-Siġra tal-ħajja | 1 | Profeta tal-Iżlam |
| 10 | Ra | | Re tal-Eġizzjani |
| 11 | Farawni | | Belt Għarbija |

**(1x10=10 marki)**

**2. Ikteb jekk hux VERU jew FALZ**

2.1. Insibu fdalijiet ta' torri Ruman f'Għawdex. ______________________

2.2. Insibu fdalijiet Rumani f'Ta' Kaċċatura. ______________________

2.3. Iċ-Ċippus huwa fdal ta' żmien ir-Rumani. ______________________

2.4. F'Malta nstabu żewġ ċippi. ______________________

2.5. Iċ-ċippu huwa magħmul mill-bronż. ______________________

2.6. Fir-Rabat (Malta) instabu xi katakombi. ______________________

2.7. Fil-katakombi kien isir id-dfin. ______________________

2.8. F'Malta nsibu teatru ta' żmien ir-Rumani. ____________________

2.9. Ir-Rumani bnew banjijiet f'Għajn Tuffieħa. ____________________

2.10 Fir-Rabat (Malta) hemm Mużew ta' fdalijiet Rumani. ____________________

2.11. Melkart huwa wieħed mill-allat Rumani. ____________________

2.12. Ir-Rumani baqgħu sejrin safejn illum hemm ir-Russja. ____________________

2.13. Ir-Rumani bnew akwadotti għall-ilma. ____________________

2.14. Fil-Kolossew kien isir il-ġlied tal-gladjaturi. ____________________

2.15. Il-Lhud kienu l-ewwel ġens li emmen f'Alla wieħed. ____________________

**(1x15= 15-il marka)**

3. <u>**Ħares lejn l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet**</u>



Dan huwa Ċicerun. Kien Ċicerun li ddefenda lill-Maltin kontra Kajju Verres. X'kien għamel Verres li dejjaq 'il-Maltin?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (2 marki)

3.2. Kajju Verres kien (pretur, konslu, ġeneral) tal-gżejjer Maltin. (marka)

3.3. Spjega kif spiċċat il-ġrajja ta' Kajju Verres.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________(2 marki)

3.4. Instabu xi fdalijiet Rumani ddedikati lill-allat pagani wara l-miġja ta' San Pawl f'Malta. X'juri dan? Aqta' s-sinjal taħt **tnejn** tajbin.

(a) Il-Maltin kellhom flus x'jistgħu jonfqu fil-bini ta' aktar tempji.

(b) Mhux il-Maltin kollha saru Nsara wara l-miġja ta' San Pawl.

(ċ) Xi Maltin baqgħu jemmnu fl-allat pagani.

(d) San Pawl qal lill-Maltin biex jaduraw lil Alla bil-moħbi.

(2 marki)

3.5. X'taħseb li tfisser il-kelma 'MELITAION' li nstabet minquxa fuq xi muniti?

____________________________________________________________(marka)

3.6. X'jissejħu l-gwerer bejn ir-Rumani u l-Kartaġiniżi?

____________________________________________________________ (marka)

3.7. F'liema gwerra l-gżejjer Maltin għaddew minn taħt idejn il-Kartaġiniżi għal għand ir-Rumani?

____________________________________________________________(marka)

3.8. X'taħseb li tfisser il-kelma 'GAYLITON' li nstabet minquxa fuq xi muniti?

____________________________________________________________(marka)

3.9. Iċ-ċittadini Rumani kienu jissejħu ('cives', 'cittadines', 'civitines'). *Aqta' sinjal taħt it-tajba.* (marka)

**( Total 12-il marka)**

4. Aqra s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet

*"Madwar tmien mitt sena qabel Kristu, il-Mediterran kien miżgħud b'nies magħrufa bħala l-Feniċi. L-imkejjen fejn għex dan il-ġens huma bejn wieħed u ieħor il-Libanu tal-lum. Fih kien jiġbor ħames postijiet magħrufa fil-qedem bħala Tripli, Biblos, Bejrut, Sidon u Tiru. Imdawrin bil-muntanji, f'art nieqsa mill-ilma, dawn in-nies sabuha iebsa biex jieħdu ħsieb l-art u ma kellhomx ħag'oħra x'jagħmlu għajr li jitfgħu ħarsithom lejn il-baħar. Mill-muntanji tal-qrib setgħu jaqtgħu u jġorru z-zkuk ta' siġar taċ-ċedru għall-bini tax-xwieni."*

*(Ġrajjet Malta, vol. 1)*

4.1. Aqta' sinjal taħt post f'Malta fejn instabu fdalijiet tal-Feniċi.
(Ħal Qormi, l-Imsida, Tas-Silġ, il-Fawwara) (marka)

4.2. Għaliex taħseb li l-Feniċi baħħru ħafna'l bogħod minn pajjiżhom?

______________________________________________(marka)

4.3. Il-Feniċi kienu jinnegozjaw drapp ta' kulur sabiħ li kienu jiżbgħuh b' likwidu speċjali. Ta' liema kulur kien dan id-drapp?

______________________________________________(marka)

4.4. Il-kulur ta' dan id-drapp, il-Feniċi kienu jġibuh minn:
(bebbuxu tal-baħar, fjura li tikber fil-Libanu, id-demm ta' għasfur speċjali) (marka)

4.5. Ħafna mill-fuħħar ta' żmien Puniku nsibuh (fil-Mużew tal-Kon-katidral, fid-fid-Domus Romana, fil-Mużew tal-Arkeoloġija, fil-Mużew tal-Arti). (marka)

4.6. Aqta' sinjal taħt iż-żewġ allat li kienu jaduraw il-Kartaġiniżi.
(Ġunone, Astarte, Melkart, Erkole, Proserpina) (2 marki)

4.7. Il-Feniċi kienu jbaħħru billi jużaw (il-boxxla, il-kumpass, il-pożizzjoni tal-istilel). (marka)

4.8. Il-Feniċi waqqfu belt fl-Afrika ta' Fuq li saret magħrufa bħala (Alġerija, Libja, Kartaġni, Marokk). (marka)

4.9. Il-Feniċi nqdew bil-gżejjer Maltin biex (ikollhom stazzjon għall-merkanzija, minn Malta jattakkaw postijiet oħra, jieħdu l-flus tal-Maltin). (marka)

**(Total 10 marki)**

**5.Ħares lejn l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet**



Din hija stampa ta' teatru Grieg fil-belt ta' Sirakuża fi Sqallija.

5.1. Il-Griegi mexxew 'il quddiem it-teatru. Agħmel sinjal taħt **erba'** oqsma oħra li l-Griegi kattru l-interess fihom.
(il-matematika, ġlied bejn il-gladjaturi, il-politika, l-isports, l-informatika, it-tbaħħir, l-arkitettura)

(4 marki)

5.2. X'kienu jissejħu l-ibliet Griegi? (Minn dil-kelma ħarġet il-kelma *politika*)

______________________________________________________________(marka)

5.3. Sirakuża kienet kolonja tal-Griegi. X'tifhem bil-kelma kolonja?

______________________________________________________________(2 marki)

5.4. Għaliex taħseb li kien isir il-Logħob Olimpiku fi żmien il-Griegi?
(a) għax kienu jħobbu jaraw l-isports.
(b) għax riedu jagħmlu xi attivita` biex jgħaddu ftit żmien.
(ċ) biex jaraw liema belt kellha l-aħjar atleti.
(d) biex jagħtu qima lill-allat tagħhom. (marka)

5.5. Għaliex dan il-logħob kien jissejjaħ 'Olimpiku'?
(a) għax min ivvintahom kien jismu Olimpu.
(b) għax l-allat kienu jgħixu fuq il-muntanja Olimpu.
(ċ) għax l-ewwel logħob kien intrebaħ mill-belt ta' Olimpu.
(d) għax Olimpu kien l-alla tal-isport. (marka)

5.6. Il-Griegi kienu jistudjaw il-problemi u l-ħsibijiet tal-bnedmin. Agħmel sinjal taħt it-**tliet** filosofi kbar Griegi tal-Qedem.
(Alexander, Aristotli, Omeru, Sokrate, Pizia, Platun) (3 marki)

5.7. Barra minn teatri (bħalma rajt fl-istampa), aqta' sinjal taħt **tliet** fdalijiet li ħallewna l-Griegi. (statwi, supermarkets, gyms, tempji, vażuni tal-fuħħar, grawds tal-futbol) (3 marki)

**(Total 15-il marka)**

**6 Wieġeb il-mistoqsijiet**

6.1. Semmi t-**tliet** reliġjonijiet prinċipali li ħarġu mir-reġjun tal-Mediterran.

____________________________________________________________(3 marki)

6.2. Kif insibuha l-ħaġra li kienet fuq il-qabar ta' tfajla Musulmana li nstabet f'Għawdex?

____________________________________________________________(marka)

6.3. Semmi **żewġ** affarijiet li kienu jsiru mill-fuħħar fi żminijiet imgħoddija.

____________________________________________________________(2 marki)

6.4. Liema alla kienu jaduraw in-nies tal-gżejjer Maltin fiż- żmien Preistoriku?

____________________________________________________________(marka)

6.5. Qabel ma bdew jintużaw il-flus, kif kien isir in-negozju bejn in-nies?

____________________________________________________________(marka)

6.6. Għaliex kienu importanti l-għerien għan-nies ta' Żmien il-Ħaġar?

____________________________________________________________(marka)

6.7. Fi żmien ir-Rumani, il-patrizji kienu s-sinjuri u l-plebej kienu ________________.(marka)

6.8. L-Eġizzjani, minflok ittri kienu jiktbu billi ______________________________.(marka)

6.9. Fejn nafu li l-Eġizzjani kienu jemmnu f'ħajja wara l-mewt?

__________________________________________________________(2 marki)

6.10. Liema post ifakkarna fil-ġlied tal-gladjaturi f'Ruma?

__________________________________________________________(marka)

6.11. Kif solvew il-problema tal-provista tal-ilma r-Rumani?

*(Aqta' sinjal taħt it-tajba)*

(a) kienu jġorru l-ilma f'reċipjenti tal-fuħħar.

(b) għamlu sistema li biha biddlu l-ilma baħar f'ilma ħelu.

(ċ) bnew akwadotti (marka)

6.12. Aqta' sinjal taħt it-**tliet** postijiet fejn xterdu r-Rumani.

(L-Ingilterra, Franza, Iċ-Ċina, L-Indja, l-Amerika, il-Ġermanja, Kuba) (3 marki)

**(Total 18-il marka)**

**7. Ikteb paragrafu ta' mhux inqas minn 5 sentenzi fuq TNEJN minn dawn is-suġġetti:**

7.1. Iċ-ċivilta` li ħallew warajhom l-Eġizzjani.

7.2. L-allat tal-qedem.

7.3. Id-dħul tal-Kristjaneżmu f'Malta.

7.4. Il-Feniċi.

7.5. Ir-Rumani f'Malta

**(10x2=20 marka)**